**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 23 ta’ Gunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**vs**

**John Polidano**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**John Polidano** ta' 55 sena, iben Rosario u Josephine nee' Mangion li twieled ġewwa Pieta' nhar id-29 ta’ Lulju 1965, iddikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 47, Triq id-Duluri, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita 360965M

Akkuzat talli:

Nhar id-29 ta’ Mejju 2021 u fil-ġranet u/jew ġimghat ta’ qabel ġewwa Bormla, Birżebugia u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaġuna lil omm ibnu **Cole Polidano** u cioe' **Rita Refalo**, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi

2. Ikkaġuna lil omm ibnu **Cole Polidano** u cioe' **Rita Refalo**, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lil **Rita Refalo u bintha Dorielle Refalo**, jaghmlu xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil **Rita Refalo u bintha Dorielle Refalo**

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil **Rita Refalo u bintha Dorielle Refalo** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti giet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **John Polidano** a benefiċju ta' **Rita Refalo** u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art. 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' **Rita Refalo** u l-familjari tagħha jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **John Polidano** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat ghall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat li fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2021 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu, u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' sitt (6) snin prigunerija u multa fil-massimu ta' tlieta u tletin elf tlett mija u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€33,393.73). Il-Qorti issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

**4.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb fuq l-ammissjoni tieghu, l-imputat wiegeb li hu hati.

**5.** Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, inkluz l-avukat difensur tal-partijiet offizi, dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**6.** Mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**7.** Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li giet registrata ammissjoni bikrija, u b'hekk l-imputat ma heliex il-hin u rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

**8.** Il-fedina penali tieghu hija wahda raffrettarja. Huwa ghandu ghoxrin (20) kundanna minn dawn il-Qrati, li l-maggoranza taghhom huwa ta' pussess semplici, aggravat u traffikar ta'droga, serq u frodi. Fl-2014 huwa gie kkundannat tminn (8) snin prigunerija dwar pussess aggravat tad-droga.

**9.** Mis-sottomissjonijiet li saru lil din il-Qorti jidher li l-imputat ikkommetta ir-reati in kwistjoni konsegwenza ta' disgwid li kellu mal-ex siehba tieghu Rita Refalo, ghax ma ridiex tohrog tahdem, u thalli lil binhom ta' xahrejn ma' tifel iehor taghha, li pero l-imputat mhux missieru. Ghalkemm il-Qorti tista' tifhem il-preokkupazzjoni tal-imputat li ibnu ta' xaharejn jithalla fil-kura ta' persuna li fl-opinjoni tieghu ma kinietx kapaci tiehu hsiebu, dan certament ma jiggustifikax l-agir prepotenti u abbuziv tieghu.

**10.** Mis-sottomissjonijiet li saru lil din il-Qorti jidher li s-sitwazzjoni issa kkalmat, u anke gew intavolati l-proceduri idonei quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex jittiehdu decizjonijiet fl-ahjar interess tal-minuri, u l-imputat accetta li r-relazzjoni tieghu ma' Rita Refalo issa spiccat.

**11.** Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea, anke sabiex l-imputat ikollu l-opportunita li jibni rabta mat-tarbija tieghu. Pero tenut kont anke tal-gravita tar-reati kommessi mill-imputat, il-Qorti se tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza fil-massimu taghha, flimkien ma' multa u ordni ta' trazzin. Inoltre, il-Qorti se timponi ordni ta' supervizjoni, sabiex Ufficjal tal-Probation isegwi lill-imputat biex jghinu jzomm il-boghod mit-triq tal-kriminalita, u jekk necessarju jiehu t-trattamenti medici li jista' jkollu bzonn.

**Konkluzjoni**

**12.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 251(3), 251H(a), 251HA, 222(1)(a), 202(h)(i), (iv) u (v), 251AA, 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 49(a), (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. A tenur ta' l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien erba' (4) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

3. Inoltre, il-Qorti tikkundanna lil hati ghal hlas ta' multa ta' disa' mitt Euro (€900.00), li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2021, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 383A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Rita Refalo u Dorielle Refalo. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perjodu ta' tlett snin (3) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**